**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 199**

L-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anglu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Intern, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Cressida Galea kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Julie Zahra kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 198 li saret fit-23 ta' Jannar 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2917 Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 31 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet pendenti quddiem l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika;

P.L. 2918 Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 32 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika; u

P.L. 2919 Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 33 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet pendenti quddiem l-Ombudsman.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 12547 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2920 Lista tal-għaqdiet volontarji kollha rreġistrati sal-31 ta' Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14966;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2921 Riżultati tal-lotterija tal-Iskema 'Irrestawra Darek', b'referenza għal proprjetajiet skedati, li saret fil-11 ta' Diċembru 2023, flimkien mal-lokalitajiet ta' kull reġistrazzjoni għall-istess skema, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14955; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2922 Tabella li tagħti tagħrif dwar l-għadd ta' vapuri rreġistrati taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, flimkien mat-total tan-tunnellaġġ gross, fil-31 ta' Diċembru tas-snin bejn l-1973 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15233.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI – ABBOZZ 87

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-kirjiet residenzjali privati u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom".

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2923 Kopja ta' żewġ riklami li dehru fil-midja soċjali dwar il-kiri ta' appartament fis-Swieqi u l-kiri ta' sodod fi proprjetà f'Ħal Qormi rispettivament.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Roderick Galdes, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Katya De Giovanni.

Fis-6.50 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-6.51 p.m. il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ppropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz a' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet | Tielet Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Malcolm Paul Agius Galea.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2924 Estratt li jittratta l-Ministeru għall-Anzjanità u Anzjanità Attiva meħud mir-rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika *Report by the Auditor General - Public Accounts 2022.*

Fis-7.17 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**